



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2016)0370**

**Ftehim bejn l-Europol u ċ-Ċina dwar Kooperazzjoni Strateġika \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Strateġika bejn il-Ministeru tas-Sigurtà Pubblika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Europol (08364/2016 – C8-0217/2016 – 2016/0808(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (08364/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0217/2016),
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni klassifikata<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/935/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0265/2016),

---

<sup>1</sup> ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

<sup>2</sup> ĠU L 325, 11.12.2009, p. 6.

<sup>3</sup> ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12.

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;
2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid dwar l-Europol<sup>1</sup>, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-ftehim ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni u, jekk xieraq, tressaq rakkomandazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tinftaħ rinegozjazzjoni internazzjonali tal-ftehim;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Europol.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).